MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Talba Numru. 948/2005

**Talba Nru: 948/05 PBC**

**Mobisle Communications Limited – C 24655**

**-vs-**

**LCL Location Co Limited (Landrocks)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma t'elfejn, mitejn u zewg Euro u tmienja u hamsin centezmi (€2,202.58) – (Lm945.57c) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjetà konvenuta lis-socjetà attrici skond *Client Contract Number 9455* in rigward ghal servizzi lilha rezi

mis-socjetà attrici u dana fix-xhur bejn Mejju 2004 u Settembru 2004. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Marzu, 2005, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dan l-att, dawk ta' l-ittra ufficjali lil banek relattivi ghall-imsemmi mandat, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjetà konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjetà konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li s-socjetà konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas is-somma t'elfejn, mitejn u zewg Euro u tmienja u hamsin centezmi (€2,202.58) – (Lm945.57c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------